MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 63

It-Tlieta 13 ta' Frar 2018

Il-Kunsilli Lokali Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq Nofs in-nhar, Valletta, fil-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Prof Alexiei Dingi – Sindku
Christian Micallef – Viċi Sindku
Dr Norman Shaw – Minority Leader
Vincent Fabri – Kunsillier
Vincent Farrugia – Kunsillier
Raymond Azzopardi – Kunsillier
Mario Camenzuli – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI
Nil – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Prof Alexiei Dingli ippresjeda l-laqgħa.

## 63.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

63.1.1 Nil

## 63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

63.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 61– 09 01 2018 u Nru 62 – 22 01 2018 kienu ikkonfermati.

## 63.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

63.3.1 Is-Sindku taghha l-kondoljanzi lis-Segretarju Ezekuttiv għal mewt tan-nanna u feraħ lill-Viċi Sindku Christian Micallef għat—twelid tal-wildt ġdid tagħhom. Il-Kunsill qabel dwar dan.

63.3.2 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli informa lil-Kunsill li, għalaq it-tender tal Parking Sensors u qed jigu evalwati. Il-Kunsill qabel dwar dan.

63.3.3 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li gie ffirmat l-ftehim ma Planning Authority għal-fondi tal-bankini issa l-pass li jmis se jkun li ser jinħarġu s-sejħiet ta' l-offerti. Il-Kunsill qabel dwar dan.

63.3.4 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li kellu laqgħa mad-Direttur Generali tal-Public Cleansing dwar litter act. Is-Sindku ressaq l-proposti tal-Kunsill, fosthom sistema tal-vetturi. Il-Kunsill qabel dwar dan.

63.3.5 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li l-kunsill ser jingħata iċ-ċertifikat ta' l-ISO 9001. Dan wara li sar l-audit. Il-Kunsill qabel dwar dan.

63.3.6 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li l-kunsill ingħata 25,000euro għal progett ta' l-Erasmus ma Scala. Nforma li ser issir prepartory visit. Il-Kunsill qabel dwar dan.

63.3.7 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li l-playground tal-war museum ġiet aċċetata mil-PA u qed jinġabru l-quotes. Il-Kunsill qabel dwar dan.

63.3.8 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li qed isiru diskussjonijiet dwar l-clamping u diga bdew l-clamping fuq karozzi bit-tarġa barranija. Il-Kunsill qabel dwar dan.

63.3.9 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma dwar komunikazzjoni li kellu min Madrid dwar online digital platform sabiex il-Kunsill ikun aktar qrib ir-residenti. Il-Kunsill qabel dwar dan.

63.3.10 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li wara li ġiet varata l-karozza tal-Linja l-ġdida bin- numru 133, jidher li ma hemm issues mir-residenti. Il-Kunsill qabel dwar dan.

63.3.11 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li ser jinforma lil Transport Malta dwar talba mir-residenti biex jizdiedu parkeggi ħodor. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 63.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tall-Kunsillieri

63.4.1 l-Kunsillier Raymond Azzopardi nforma li r-residenti qed jilmentaw u ma jridux din l-playground faċċata tal-war mueseum.

63.4.2 L-Viċi Sindku Christian Micallef staqsa dwar tournament tal-Valletta 2018. L-Invit ma wasalx għand l-Valletta FC. L-Kunsill qabel li jikteb l-Valletta 2018 dwar dan. L-Kunsillier Azzopardi ma xtaqx li nuru disappunt tal-Kunsill. Pero għandha nagħmlu punt biex dawn l-affarijiet fil-futur ma jsirx. Kullħadd qabel dwar dan.

63.4.3 L-Kunsillier Azzopardi ma xtaqx li nuru disappunt tal-Kunsill. Pero għandha nagħmlu punt biex dawn l-affarijiet fil-futur ma jsirx. Kullħadd qabel dwar dan.

63.4.4 l-Kunsillier Vince Fabri staqsa dwar l-pavimentar. Wara li San Mark lesta u bdew Triq l-Punent kif ukoll Santa Lucija. Triq Santa Lucija tħalliet nofs xogħol, bir-residenti jilmentaw.

63.4.5 l-Kunsillier Raymond Azzopardi staqsa dwar kemm ser jiswa tarmac li sar mal-genb tas-suq dan minħabba li saret direct order.

63.4.6 l-Kunsillier Vincent Farrugia staqsa jekk hemmx xi zviluppi dwar l-pitch tal-waterpolo wara li l-Onor Claudio Grech għadda xi kummenti fuq facebook. Jidher li kien hemm xi MOU li ġiet iffirmata pero l-Kunsill m'għandux aktar dettallji.

63.4.7 L-Kunsillier Mario Camenzuli staqsa dwar uplifting u relaying tal-madum.

## 63.5 Rapporti

63.6.1 Nil

## 63.6 *Items* oħra ta'Xogħol ieħor tall-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

63.6.1 l-Kunsill irċieva ittra m'għand l-President ta' l-għaqda tal-Pawlini bħala ringrazzjament li l-Kunsill wergħa għat-telfa ta' ħuħ.

## 63.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

63.7.1 Nil

## 63.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

Nil

## 63.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

63.9.1 January 2018

## 63.10 Mozzjonijiet

63.10.1 l-Kunsill Ray Azzopardi preżenta mozzjoni minħabba l-abbuz li qed isir mal-monument ta' Assedju. L-Mozzjoni ġiet sekondata mil-Kunsillier Mario Camenzuli.

Fuq talba tan-nies presenti, is-Sindku sospenda il-laqgħa biex in-nies preżenti setghaw jagħtu l-opinjoni tagħhom.

Meta il-laqgha tkompliet, il-Vici Sindku qajjem point of order fuq il-fatt li il-Mozjoni kienet ultra vires.

Is-Sindku ta' ruling fejn qal li skond artiklu 11 tas-sitt skeda tal-Ligi tal-Kunsilli Lokali:

"Kull mozzjoni jew rakkomandazzjoni għandha tkun relevanti għal xi suġġett li fuqu l-Kunsill hu kompetenti jew għandu ġurisdizzjoni kif stabbilit b'dan l-Att jew li taffettwa l-lokalità tiegħu"

Peress li skond skeda 4 (hwejjeg ezenti mir-responsabilita tal-Kunsilli Lokali) tal-istess ligi, sezzjoni: gonna u monument, il-Monument tal-Assedju l-kbir huma mnizzel f'din il-lista, il-Kunsill m'ghandu ebda gurisdizzjoni fuqu.

Ghadaqstant, skond kif jghid Artiklu 11 Kap 363 iktar il`fuq ikkwotat, peress li l-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta m'ghandux gurisdizzjoni fuq il-Monument tal-Assedju l-kbir, din il-mozzjoni ma tistax tigi accettata.

## 63.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

63.11.1 Il-laqgħa intemmet 8.00pm u ġiet aġġornata għat-13 ta' Marzu 2018 fis-18.30pm

Konfermati, illum 13 ta' March 2018

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Prof Alexiei Dingli | Gabriella Agius |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |